MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 457/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**DAVID BARTOLO ta' 47 sena, iben John Mary u Rita nee' Muscat, imwieled Tal-Pieta' nhar it-8 ta' Gunju, 1964, residenti fil-fond 164, Dar il-Hena, Triq Vincenzo Ciappara, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 302864M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **David Bartolo** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Settembru, 2005, f'dawn il-Gzejjer, fil-Mellieha, f'xi hin bejn nofs il-lejl u t-

tlieta ta’ fil-ghodu, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Joseph Cauchi, skond ma ccertifikah Dr C Fenech Reg No 5034 tal-Casualty Department gewwa l-Isptar San Luqa.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali a folio 10.

Rat ukoll li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri.

Xehed fir-rigward tal-griehi Dr Mario Scerri li ftakar illi l-griehi fuq il-wicc u f’idu kienu ta’ natura hafifa.

Minn naha taghha l-Ispettur Therese Sciberras xehdet li fl-Ghassa tal-Qawra Joseph Cauchi kien irraporta li kien involut f’argument u kien sofra griehi ta’ natura hafifa. Dan inqala’ ghaliex David Bartolo kien sab lill-gharusa tieghu Carmen Douglas titbewwes ma’ Joseph Cauchi. Ghalhekk kien, skond l-investigazzjoni ta’ l-Ispettur Therese Sciberras, dan ta daqqa ta’ ponn go wicc Cauchi. Qalet ukoll illi meta Cauchi kien ma’ l-art, Bartolo baqa’ jaghtih bis-sieq, anke heddu b’hadida, li skondtha pero, fl-investigazzjonijiet ma kinitx instabet. Xehdet illi kien inhareg ukoll certifikat mediku minn St Luke’s Casualty Department fejn kien gie certifikat li l-injuries sofferti minn Cauchi kienu gravi per durata.

Minn naha tieghu Donald Zammit, li wkoll kien prezenti fil-bar meta Cauchi ried iwassal lit-tfajla ta’ Bartolo, ikkonferma li kien ra lill-habib tieghu Cauchi bid-demm hiereg minn go mniehru. Qal illi l-Isptar idrittawlu mniehru lil Cauchi.

Minn naha tieghu xehed Joseph Cauchi li qal illi kienu l-Mellieha qed jixorbu. Qal illi kien hemm anke Donald u habiba – Carmen, li kienet fis-sakra u wassalha. Kellu xi jghid ma’ David (l-imputat) ghax haseb hazin minhabba din it-tfajla. Qal illi hu kien fil-karozza u Donald beda jxejjer idejh, laqtu go wiccu minn gol-hgiega, hareg ghalih u kellhom xi jghidu, bdew jaghtu. Xehed illi kien David stess illi hadu l-Isptar ghax kellu mniehru mghawweg. Qal

illi t-tabiba faqqaghtlu mniehru u daqshekk. Anzi xehed illi ma kien hemm xejn gravi. Zied ukoll illi mill-azzjoni kriminali hu ma ried xejn, u qal illi kien qed jirrinunzja.

Rat illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, ma ngabu ebda provi in difesa.

Rat illi ma ngabet ebda prova sostanzjali tal-griehi sofferti minn Cauchi, ghajr ghal fotokopja ta' certifikat. Nonostante li Cauchi xehed illi mniehru kien mghawweg u li kien gie drittat, allura wiehed jista' jippostula ksur ta' l-istess, pero l-istess Cauchi qal illi ma kien gralu xejn kbir, anke rrinunzja ghall-azzjonijiet kriminali.

Ghaldaqstant din il-Qorti, in vista' tax-xhieda ta' Dr Mario Scerri li ddikkjara li l-griehi kienu ta' natura hafifa, qieghda tiddikkjara dan il-procediment bhala wiehed ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------